# L-akkużi ta' anti-Semitiżmu u anti-Ġudaiżmu fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid

P. Martin Micallef OFM Cap

Ix-*Shoah,* il-qtil organizzat mill-istat ta' madwar sitt miljun Lhudi fl-Ewropa, mibni fuq ideoloġija razzjali primittiva, wassal biex il-Knisja terġa' tqis ir-relazzjoni tagħha mal-poplu Lhudi. Dan seħħ b'mod deċiżiv bid-dikjarazzjoni tal-Konċilju Vatikan II, *Nostra Aetate,* li mhux biss tirrikonoxxi l-għeruq u l-wirt Lhudi tal-Kristjaneżmu filwaqt li tikkundanna l-antisemitiżmu, imma wkoll qalbet ta' taħt fuq dak li l-Knisja għallmet għal kważi żewġ millennji sħaħ, jiġifieri, l-akkuża li kienu l-Lhud li qatlu lil Kristu Ġesù. Din l-akkuża kienet element qawwi fir-rivalità ta' bejn l-insara u s-sinagoga, proċess kompless li finalment wassal għas-separazjoni taż-żewġ reliġjonijiet.[1] L-allegat responsabbilità Lhudija għall-kruċifissjoni ta' Ġesù ma kinetx xi ħaġa limitata għall-kontenut tal-Evanġelji kanoniċi, iżda saret ukoll parti mil-letteratura Apokrafa.[2] Fil-Knisja tal-bidu żviluppat letteratura vasta li aktar tard ġiet kategorizzata bħala *Adversus Judaeos* (kontra l-Lhud)[3] li kompliet rewħet attakki ħorox kontra l-Lhud minħabba din l-istess akkuża. Ħadd ma jista' jiċħad li l-anti-Ġudaiżmu daħal jagħmel parti mill-interpretazzjoni tat-Testment il-Ġdid, iżda hemm pożizzjonijiet differenti fost l-istudjużi tal-Iskrittura kemm tassew din il-ħaġa nibtet mill-kitbiet tat-Testment il-Ġdid.[4]

F'dan l-artiklu għalhekk ser nistaqsu jekk l-anti-Ġudaiżmu li bih xi drabi jiġu akkużati bosta mill-awturi tat-Testment il-Ġdid kienx verament intenzjonat minnhom jew inkella kienux qarrejja li ġew wara li wżaw dawn it-testi biex bihom esprimew sentimenti ta' anti-Ġudaiżmu.

Tajjeb nagħmluha ċara li f'dan l-artiklu, meta ser nitkellmu mit-terminu *anti-Ġudaiżmu,* inkunu qed infissru dawk il-frażijiet fit-Testment il-Ġdid li jirriflettu antagoniżmu lejn ir-reliġjon Lhudija.[5]

B'dan f'moħħna rridu nagħmlu differenza bejn *anti-Ġudiażmu* u *anti-Semitiżmu*. L-anti-Semitiżmu huwa pjuttost fenomenu modern, addatat aktar biex bih niddeskrivu l-qawwa ta' ċerti ideat razzjali li laħqu l-quċċata tagħhom fin-Naziżmu,[6] ideat li jirriflettu ostilità fundamentali u sistematika kontra l-Lhud murija f'attitudnijiet, kliem jew azzjonijiet ta' mibegħda kontra l-poplu Lhudi.

## TWELID U SEPARAZZJONI

Fis-sens wisa' nistgħu niddefinixxu l-*Ġudaiżmu* bħala l-ħajja, il-qima u l-fidi tal-poplu ta' Iżrael, sa minn żmien il-Patrijarki u l-Profeti.[7] Forsi biex inkunu aktar eżatt, bil-kelma *Ġudaiżmu* nirreferu għar-reliġjon Lhudija kif żviluppat wara r-ritorn tal-poplu mill-Eżilju tal-Babilonja fis-sena 538 Q.K.[8] F'dan *il-perijodu tat-Tieni Tempju*, kif inhu magħruf (538 Q.K. – 70 W.K.), il-Ġudaiżmu bħala reliġjon fissa ma kienx jeżisti. Minflok kien hemm bosta movimenti jew 'settet' [bil-Grieg: *haireseis*] kif isejħilhom Ġużeppi Flavju, l-Istoriku Lhudi tal-Ewwel Seklu.[9] Fost dawn kien hemm il-Fariżej, is-Sadduċej, l-Esseni u ż-Żeloti, biex ma nsemmux in-numru kbir ta' Lhud oħra li kienu jgħixu fid-*diaspora*.[10]

Nistgħu nimmaġinaw li dawn il-gruppi ma kienux jaqblu f'kollox fil-viżjoni ta' dak li kellu jifforma t-Twemmin Lhudi, minkejja li kien hemm bosta punti oħra komuni li fuqhom hu mibni dan *il-Perijodu tat-Tieni Tempju*.[11]

L-Insara twieldu fi ħdan dan l-ambjent tal-Ġudaiżmu taż-żmien it-Tieni Tempju. Nistgħu kważi nqisu t-twelid ta' dan il-moviment ġdid bħala 'setta' oħra ma' dawk li diġà semmejna. Mal-waqgħa tat-Tempju u l-qerda tal-belt ta' Ġerusalemm fis-Sena 70 W.K., l-uniku 'setta' li kien baqa' kienet dik tal-Fariżej li flimkien ipprovaw jiġbru l-bċejjeċ biex b'hekk jagħtu forma lill-*Ġudaiżmu Rabbiniku*, kif baqa' magħruf matul l-istorja, mibni fuq l-importanza tal-Liġi u l-interpretazzjoni tagħha minflok fuq is-sagrifiċċji li kienu jsiru fit-Tempju.

Jidher li kien f'dan l-istess żmien, jiġifieri, lejn tmiem l-Ewwel Seklu W.K., li dawn ir-Rabbini ħassew il-bżonn li jaqtgħu sinjal bejnhom u bejn il-Knisja tal-Bidu. Aktar ma beda għaddej iż-żmien, l-insara tal-bidu bdew aktar isiru ta' theddida għall-Ġudaiżmu. Ma nafux iżda d-data eżatta, fejn, jew għaliex saret il-firda bejn il-Knisja tal-Bidu u l-

Ġudaiżmu Rabbiniku.[12] Jidher li wieħed mill-fatturi ewlenin li wassal għal din il-firda kien it-twemmin f'Ġesù Kristu bħala l-Iben ta' Alla, twemmin li kien ta' theddida għall-monoteiżmu li fuqu kienet tistrieħ ir-reliġjon Lhudija.

Kien proprju f'dan iż-żmien ta' separazzjoni li beda jinkiteb it-Testment il-Ġdid, speċjalment l-Evanġelji. Dan ifisser li dawk is-siltiet li xi drabi jidhru tant ħorox fuq il-mod kif jitkellmu fuq il-Lhud u l-Kapijiet tagħhom irridu nippruvaw ninterpretawhom fid-dawl ta' dan il-kuntest storiku fejn il-kategoriji ta' "Kristjaneżmu' u "Ġudaiżmu" kif nafuhom illum kienu għadhom mhumiex fissi. Fid-dawl ta' dan kollu, mela, jekk naslu biex nakkużaw l-awturi tat-Testment il-Ġdid b'anti-Ġudaiżmu, ikollna nakkużaw ukoll bl-istess akkuża lill-komunità tal-Esseni f'Qumran, setta iffurmata minn persuni Lhud, li l-kitbiet tagħhom jattakkaw forma oħra ta' Ġudaiżmu.[13]

Aktar minn hekk, jekk il-kritika ħarxa kontra l-Lhud li nsibu fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid ser inqisuha bħala forma ta' anti-Ġudaiżmu, kif allura ser nispjegaw l-istess kritika ħarxa, u xi drabi aktar ħarxa, li nsibu wkoll f'xi kotba tat-Testment il-Qadim, speċjalment fil-letteratura profetika? L-orakli tal-profeti jitkellmu minn Iżrael bħala "ġens midneb" (Is 1,4); "poplu xewwiex" (Is 30,9); "ulied is-saħħara ... nisel l-adultera u l-prostituta ... ulied id-dnub, ulied il-qerq" (Is 57,3-5).[14] Nistgħu nqisu din il-kritika bħala attakk ta' anti-Ġudaiżmu meta dawn l-akkużi iebsa huma magħmula mil-Lhud stess kontra membri tal-poplu tagħhom? It-tweġiba għal din il-mistoqsija tista' tiddetermina t-tweġiba li rridu nagħtu aħna wkoll fir-rigward tal-kritika kontra l-Lhud li nsibu f'xi kitbiet tat-Testment il-Ġdid.

## IT-TESTMENT IL-ĠDID FID-DAWL TAT-TESTMENT IL-QADIM

Xhieda dejjiema tal-oriġini storika tal-Kristjaneżmu, li jsib l-għeruq tiegħu fil-Ġudaiżmu, huwa l-fatt li l-ewlenin Insara aċċettaw u użaw mill-bidunett il-Kotba Mqaddsa li kienu jużaw il-Lhud l-oħra, anke jekk il-Kanone tal-Iskrittura fil-Ġudaiżmu kien għadu mhux definit.[15] It-Testment il-Ġdid li kien għadu fil-forma embrijonika tiegħu, jagħti xhieda għall-orġini tiegħu li tmur lura għall-esperjenza reliġjuża twila

tal-poplu ta' Iżrael miktuba f'forom differenti fil-Kotba Mqaddsa jew aħjar f'dak li aħna l-Insara llum insejħu bħala "it-Testment il-Qadim."

Minkejja dan, ma nistgħux inqisu t-Testment il-Ġdid daqslikieku hu xi kummentarju fuq it-Testment il-Qadim. Minflok, it-Testment il-Qadim beda jservi bħala "l-Iskrittura" għall-Insara tal-Bidu filwaqt li beda jinqara fid-dawl tal-ġrajjiet tal-persuna u l-messaġġ ta' Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla.[16] Il-Knisja, mela, sa mill-bidu nett għarfet il-kontinwità u l-għaqda li hemm bejn iż-żewġ Testmenti.

F'dan il-proċess, il-Missirijiet tal-Knisja żviluppaw teknika li tissejjaħ *tipoloġija,* fejn persuni jew ġrajjiet li jissemmew fit-Testment il-Qadim jiġu ppreżentati b'mod li dawn donnhom iħabbru dak li kien għad irid iseħħ.[17] Hekk, pereżempju, fil-kitba *Peri Pascha,* Melito, Isqof ta' Sardis, jara d-demm ta' Kristu fid-demm li l-Lhud ċappsu mal-koxox tal-bibien ta' djarhom. Għal Melito, kien id-demm ta' Kristu li l-anġlu ra mċappas mal-koxox tal-bibien tad-djar, liema demm wassal għall-ħelsien ta' dan il-poplu mill-jasar tal-Eġittu.[18] Oriġene jqis il-ħatar tal-injam li Mosè daħħal fl-ilma morr biex dan inbidel f'ilma ħelu (ara Eż 15, 22-25) bħala referenza għall-għuda tas-salib ta' Kristu.[19]

Xi drabi dan il-mod ta' interpretazzjoni biblika ntuża sabiex juri s-superjorità tal-Kristjaneżmu fuq it-twemmin Lhudi. Hekk, pereżempju, San Ċirillu, Isqof ta' Lixandra, jikkummenta fuq is-superjorità tal-kmandament il-ġdid li Ġesù jagħti fi Ġw 13,34 f'kuntrast mal-liġi l-qadima ta' Mosè li hu jsejħilha "vojta u ma tistwiex".[20]

Din it-tip ta' interpretazzjoni biblika iżda wasslet lil bosta mill-Missirijiet tal-Knisja biex jużaw kliem iebes kontra l-Lhud. Hekk, pereżempju, meta jiġi biex jikkummenta fuq Ġw 8,44-47, it-test li fih Ġesù jsejjaħ lil-Lhud bħala wlied ix-Xitan, Santu Wistin jikteb: "Ix-xitan mhuwiex xi ħadd fis-singular, iżda isem komuni. F'kull min tinstab il-ħidma tax-xitan, dan għandu jissejjaħ xitan. Dan hu l-isem ta' ħidma, u mhux ta' natura. Hawnhekk għalhekk il-Mulej kien qed ifisser meta jgħid li Kajin huwa missier il-Lhud, li lilu xtaqu jimitaw billi qatlu lis-Salvatur; għaliex kien Kajin li ppreżenta l-ewwel eżempju ta' xi ħadd li qatel lil ħuh."[21]

Filwaqt li ngħidu dan, iżda, irridu nżommu f'moħħna li l-Missirijiet tal-Knisja għamlu dan mhux biex ikebbsu xi mibegħda lejn il-Lhud,

huma għaliex emmnu li dan il-mod ta' interpretazzjoni biblika seta' [illegible] lil-Lhud jagħrfu l-iżball tagħhom u jaċċettaw lil Ġesù bħala l-Messija.[22] Minkejja dan, iżda, dan il-metodu mhux dejjem għen biex [illegible] dan il-għan. Anzi, ħafna drabi serva bil-maqlub!

## IL-POPLU L-ĠDID TA' ALLA

Il-Kotba tat-Testment il-Ġdid juru kif l-ewlenin Insara kienu jafu [illegible] li l-Lhud huma l-poplu li Alla għażel kif ukoll l-ewwel ħarriesa tal-Kotba Mqaddsa. Fl-istess ħin, iżda, huma juru wkoll kif il-Lhud [illegible] l-ewwel persuni li ċaħdu lil Kristu u l-messaġġ tiegħu. Minħabba [illegible] tinħass ħafna f'dawn l-istess kitbiet il-kwestjoni ta' min issa hu [illegible] il-poplu ta' Alla. Huwa fid-dawl ta' din il-kwestjoni li nibtu [illegible] mill-akkużi ta' anti-Ġudaiżmu fil-kittieba tat-Testment il-Ġdid.

Lejn il-bidu tas-Seklu 20, Adolf Harnack sejjaħ il-ktieb tal-Atti tal-Appostli bħala l-ewwel fażi fl-iżvilupp ta' Anti-Semitiżmu fl-ewwel [illegible] tal-Kristjaneżmu,[23] filwaqt li Norman Beck jiddeskrivi l-Atti tal-Appostli bħala l-aktar dokument fit-Testment il-Ġdid li jesprimi sentimenti ta' anti-Ġudaiżmu.[24] Imma dan hu ġudizzju aħrax.

Fil-kitbiet tiegħu, San Luqa juri rispett kbir lejn il-Lhud bħala dawk li għandhom post kbir fil-pjan divin tas-salvazzjoni. Filwaqt li ngħidu dan, iżda, irridu nżidu wkoll li matul in-narrattiva, it-tensjonijiet isiru aktar evidenti hekk kif dan l-awtur ma jaħbiex il-fatt li Ġesù sofra oppożizzjoni ħarxa min-naħa tal-mexxejja tal-poplu Lhudi, u bħala konsegwenza ta' dan ix-xandir tal-Appostli sab ruħu fl-istess sitwazzjoni. Imma l-Evanġelju ta' San Luqa kif ukoll l-Atti tal-Appostli jistiednu lill-insara biex ibierku dawk li jisħtuhom, u biex jagħmlu t-tajjeb lil dawk li jobgħoduhom, u biex jitolbu għal dawk li ippersegwitawhom (Lq 4,27-28), fuq l-eżempju ta' Ġesù (23,34) u fuq dak tal-ewwel martri nisrani (Atti 7,60). Mela li ssejjaħ l-Atti tal-Appostli bħala kitba anti-semitika huwa verdett li ma jirriflettix il-messaġġ ta' dan l-Evanġelista, anke jekk sfortunatament matul is-sekli mhux kulħadd interpreta l-kitbiet ta' San Luqa b'dan il-mod.[25]

Meta niġu għall-Evanġelju skont San Mattew bosta huma dawk li huma tal-fehma li dan l-Evanġelju hu responsabbli għall-Olokawst u li għalhekk nistgħu nitfgħu f'ħoġru r-responsabbiltà ta' sitt miljun Lhudi

li ġew maqtula fis-Seklu 20 biss. Hemm żewġ testi partikulari f'San Mattew li huma diskussi bħala parti mill-akkuża li tinġieb kontra dan l-Evanġelju fil-konfront tal-antisemitiżmu. L-ewwel, Mt 23 li jiġbor fih serje ta' kliem iebes li Ġesù jtenni kontra l-kittieba u l-Fariżej.Imma mqar hawnhekk, xi studjużi rnexxielhom juruna li ħafna mill-akkużi li nsibu f'dan it-test jixbhu lil dak li nsibu f'kitbiet tar-Rabbini li fihom akkużi kontra xi Fariżej oħra jew xi drabi kontra l-Fariżej kollha.[26] Fuq kollox matul l-Evanġelju, speċjalment fid-Diskors tal-Muntanja, San Mattew jenfasizza l-imħabba u l-maħfra lejn l-għedewwa. Għal dan l-Evanġelista mhuwiex biżżejjed li tkun nisrani; dak li jgħodd hu li n-nisrani jeħtieġlu jgħix ħajja tajba li tgħaddi bil-wisq aktar lil dik tal-kittieba u l-Fariżej (ara Mt 5,20). Għalhekk aktar milli xi ħadd isejjaħ lil xi ħadd ieħor "wiċċ b'ieħor", San Mattew irid jurina li n-nisrani jrid li jevita milli jkun hekk hu wkoll (6,1-18).[27]

It-tieni test huwa r-rwol mogħti lill-folla Lhudija fil-proċess ta' Ġesù quddiem Pilatu f'Mt 27,25 fejn naqraw kif "il-poplu kollu qabeż u qal: 'Demmu fuqna u fuq uliedna!'" Matul is-sekli, din is-sentenza ntużat bħala waħda mill-akbar skużi biex ġew iġġustifikati attakki kontra l-Lhud meta dawn ġew akkużati li 'qatlu lil Kristu/Alla.' Kontra Pilatu li ħasel idejh minn kull responsabbiltà tal-mewt ta' Ġesù, hawnhekk jidher li kien il-poplu Lhudi 'kollu' li ħa fuqu din ir-responsabbiltà. Ikollna nammettu li l-għajta tal-poplu f'27,25 timmarka punt qawwi fin-narrattiva ta' dan l-Evanġelju, iżda wara din l-għajta, San Mattew jurina b'mod ċar li kien hemm il-qassisin il-kbar u x-xjuħ li xewxu l-poplu kontra Ġesù (v.20). Għalhekk, filwaqt li ma nistgħux neħilsu lill-poplu mir-responsabbiltà tal-għażla li għamlu, huma l-mexxejja reliġjużi Lhud li huma fil-fatt responsabbli għall-mod kif dawru l-folla kontra Ġesù. Imma mqar f'dan kollu, ma nistgħux ninsew ukoll li kienu r-Rumani li kellhom is-setgħa biex joqtlu lil xi ħadd, u allura dan kollu ma kienx iseħħ mingħajr ir-rwol ta' Pilatu, il-Gvernatur Ruman. Pilatu bagħat joqtol lil raġel li hu stess emmen li kien innoċenti.

Fil-każ tal-Evanġelju skont San Ġwann, imbagħad, huwa aktar faċli biex naraw kif f'din in-narrativa, il-Lhud jiġu ppreżentati bħala persuni ostili għal Ġesù. Biżżejjed ngħidu li l-kelma "Lhud" f'dan l-Evanġelju tissemma madwar 70 darba, f'kuntrast mal-Evanġelji Sinottiċi fejn din

l-istess kelma ma tissemmiex aktar minn 7 darbiet.[28] Wieħed mill-aktar testi ħorox kontra 'il-Lhud' f'dan l-Evanġelju huwa Ġw 8,44 meta Ġesù jgħidilhom: "Intom ġejjin minn missierkom, li hu x-xitan, u x-xewqat ta' missierkom tridu tagħmlu." Dan it-test tant hu qawwi, li ma daħalx jagħmel parti mir-reviżjoni tal-Lezzjonarju tal-Quddiesa.

L-Evanġelista San Ġwann, imbagħad, fin-narrattiva tiegħu jagħtina hjiel li lingwaġġ bħal dan jirrifletti s-separazzjoni li kienet qegħda sseħħ bejn il-komunità nisranija li għaliha kien qed jikteb l-Evanġelju u l-istituzzjoni tas-sinagoga, liema separazzjoni aktarx li kienet qed tissarraf f'persekuzzjoni kontra l-istess insara. Hekk, pereżempju, nistgħu nikkonkludu minn testi bħal Ġw 9,22 meta fl-episodju tal-miraklu tar-raġel imwieled għama, naqraw: "Il-ġenituri tiegħu wieġbu hekk għaliex beżgħu mil-Lhud, għax il-Lhud kienu ġa ftiehmu bejniethom li jekk xi ħadd jistqarr li Ġesù hu l-Messija, jiġi mkeċċi 'l barra mis-sinagoga" (ara wkoll Ġw 12, 42).[29] Hekk ukoll fl-aħħar ċena, it-test li hu mqiegħed fuq fomm Ġesù bħala profezija jindika xi ħaġa li faċilment kienet diġà qed isseħħ: "Ikeċċukom 'il barra mis-sinagogi, mhux biss, imma tasal is-siegħa meta min joqtolkom jaħseb li jkun qiegħed jagħti qima lil Alla" (Ġw 16, 2).[30] Sakemm imbagħad fi żmien meta nkiteb il-Ktieb tal-Apokalissi, l-istituzzjoni ewlenija tal-Ġudaiżmu li salvat wara l-qerda tat-Tempju, hija msejħa bħala "sinagoga tax-Xitan" (Apok 2, 9; ara wkoll 3, 9).[31]

## AKKUŻI KONTRA L-EVANĠELISTI

Quddiem lingwaġġ bħal dan li sawwab attitudnijiet u azzjonijiet ostili u distruttivi kontra l-Lhud, bosta studjużi tal-Iskrittura speċjalment dawk Lhud, iżommu li t-Testment il-Ġdid huwa l-aktar trattat anti-Semitiku perikoluż li ntuża matul l-istorja ta' dawn l-aħħar elfejn sena. Dawn l-istess studjużi jżidu li l-akkużi ħorox kontra l-Fariżej u l-Lhud l-oħra li nsibu fl-Evanġelju ivvalenaw il-qlub u l-imħuħ ta' miljuni ta' nsara matul dan iż-żmien kollu.[32] R. R. Reuther, pereżempju, fl-istudju kontroversjali tagħha dwar l-għeruq teoloġiċi tal-Anti-Semitiżmu, tgħid li partijiet mit-Testment il-Ġdid kienu intenzjonati mill-awturi tagħhom biex idawwru l-Insara kontra l-Lhud. Hija għalhekk tistaqsi: "Huwa possibli tgħid 'Ġesù hu l-Messija,'

mingħajr ma fl-istess ħin b'mod impliċitu jew espliċitu ma tgħidx 'u l-Lhud huma mistħutin'?"[33]

Quddiem dawn l-akkużi kontra l-istess testi bibliċi, irridu għalhekk nqisu l-kuntest storiku li fihom inkiteb it-Testment il-Ġdid. Dan ifisser li parti importanti mix-xogħol tal-istudjużi tal-Iskrittura huwa li jibqgħu jistaqsu lil min kienu qed jiktbu l-Evanġelisti u x'kienu ċ-ċirkustanzi li wasluhom sabiex jiktbu dak li kitbu. Huwa biss meta nippruvaw inwieġbu għal mistoqsijiet bħal dawn li nibdew nifhmu aħjar il-mod kif l-Evanġelji u testi oħra tat-Testment il-Ġdid, jitkellmu fuq il-Lhud u l-mexxejja spiritwali tagħhom.

Fid-dawl ta' studju bħal dan joħroġ aktar ċar kif l-Evanġelisti riedu juru li l-falliment tal-poplu ta' Iżrael li wieġeb b'mod negattiv għal dak li Alla wettaq permezz ta' Ibnu Ġesù jirrifletti bosta fallimenti oħra ta' Iżrael li naqraw fuqhom fit-Testment il-Qadim. Iżda din id-darba hemm dimensjoni akbar f'din l-istorja ta' falliment. Iżrael ma ċaħadx wieħed mill-profeti ta' Alla, imma lill-Messija, l-Iben ta' Alla. Minħabba f'hekk, Iżrael tilef il-post privileġġjat li kellu bħala l-poplu l-magħżul ta' Alla u minflok, issa kienet il-Knisja, il-poplu l-ġdid ta' Alla magħmul kemm minn Lhud kif ukoll minn Pagani li emmnu f'Ġesù, li saru l-poplu l-ġdid ta' Alla.[34]

Filwaqt li ngħidu dan, iżda, irridu nżidu wkoll li l-fatt li Iżrael kien tilef dan il-post speċjali bħala l-poplu ta' Alla ma jfissirx li l-Lhud, kemm bħala individwi jew bħala komunità, ġew imċaħħda mis-salvazzjoni. Dawn ukoll setgħu jikkonvertu billi jemmnu li Ġesù hu l-Messija u b'hekk jidħlu jagħmlu parti mill-Knisja, il-poplu l-ġdid ta' Alla.

## KONKLUŻJONI

Meta wieħed jibda jqalleb l-Evanġelji jsib fihom bosta noti ħorox kontra l-Lhud u l-mexxejja spiritwali tagħhom, noti li faċilment jaqgħu taħt il-kategorija ta' Anti-Ġudaiżmu. Imma mqar dawn in-noti irridu nitgħallmu naqrawhom u ninterpretawhom fil-kuntest storiku li fih inkitbu l-Evanġelji, fiż-żmien meta l-ewwel komunitajiet insara kienu qed jinfirdu minn mal-Lhud li baqgħu ma emmnux f'Ġesù bħala l-Messija. Li naslu biex nakkużaw l-Evanġelisti u l-awturi l-oħra tat-Testment il-Ġdid b'anti-Semitiżmu inkunu qed ngħaddu verdett aħrax.

Madankollu, jekk nippruvaw naqilgħu l-Evanġelji barra mill-kuntest storiku li fihom inkitbu, allura faċilment naslu biex ninterpretaw l-Evanġelju fuq din in-nota negattiva. Jekk jiġri hekk, iżda, nitilfu l-għan li għalih inkitbu l-Evanġelji. Dawn il-kitbiet qaddisa mhumiex kitbiet kontra l-Lhud, iżda kitbiet għall-Knisja, sabiex bihom il-Knisja nitgħallem mill-eżempju ta' Iżrael. Aktar minn hekk, il-konvinzjonijiet teoloġiċi tal-Evanġelisti dwar il-falliment tal-parti l-kbira tal-poplu ta' Iżrael li ma emmnux fl-Iben ta' Alla mhumiex frott ta' xi mibegħda personali jew ta' xi tpattija. L-Evanġelji jħabbru messaġġ ta' mħabba u maħfra imqar lejn l-għedewwa.

## Notes

1 Ara David J. Harrington, *The Gradual Emergence of the Church and the Parting of the Ways*, in *Christ Jesus and the Jewish People Today, New Explorations of Theological Interrelationships*, edited by Philip A. Cunningham et al., Grand Rapids/MI 2001, 92-104.

2 Ara, pereżempju, l-*Evanġelju ta' San Pietru*. Għal dan it-test ara, *The Apocryphal New Testament, A Collection of Apocryphal Christian Literature in an English Translation based on M. R. James*, edited by J. K. Elliott, Oxford 1993, 150-158.

3 Ara Guy G. Stroumsa, 'From Anti-Judaism to Antisemitism in Early Christianity?' in *Contra Iudaeos: Ancient and Medieval Polemics between Christians and Jews*, edited by Ora Limor – Guy G. Stroumsa, Tübingen 1996, 7-9.

4 Għal pożizzjonijiet differenti tal-istudjużi dwar dan il-punt, ara l-istudju ta' Miriam S. Taylor, *Anti-Judaism and Early Christian Identity: A Critique of the Scholarly Consensus*, Leiden 1995.

5 Dwar din id-definizzjoni ara, Amy-Jill Levine, *The Misunderstood Jew: The Church and the Scandal of the Jewish Jesus*, New York 2006, 87-118.

6 Għal aktar tagħrif fuq dan il-punt ara, A. T. Davies, *Anti-Semitism and the Christian Mind: The Crisis of Conscience After Auschwitz*, New York 1969.

7 Għal aktar tagħrif fuq din id-definizzjoni, ara, James C. Vanderham, *Judaism*, in *The New Interpreter's Dictionary of the Bible*, vol. 3, Nashville 2008, 424-435.

8 Fuq dan il-punt, ara, Steven D. Fraade, *Palestinian Judaism*, in *The Anchor Bible Dictionary*, vol. 3, New York 1992, 1054-1061.

9. Ara *Ant.* 13.171; *War* 2.118.
10. Dwar dawn is-settet, ara, Christopher Rowland, *Christian Origins. Th Setting and Character of the Most Important Messianic Sect of Judaism* London 22002, 61-85.
11. Għal aktar tagħrif ara, J. Alberto Soggin, *Israel in the Biblical Perio Institutions, Festivals, Ceremonies, Rituals,* Edinburgh – New York 200 40-54.
12. Għal tweġibiet fuq dawn il-mistoqsijiet, ara, James D. G. Dunn, *Th Partings of the Ways Between Christianity and Judaism and the Significance for the Character of Christianity,* London 22006, speċjalmen 301-338.
13. Fuq il-lingwaġġ użat mill-Komunità tal-Esseni f'Qumran kontra sett oħra Lhud ara, J. H. Charlesworth, *The Dead Sea Scrolls and the Gosp According to John,* in *Exploring the Gospel of John. In Honor of D Moody Smith,* edited by R. A. Culpepper – C. C. Black, Louisvill Kentucky 1996, 65-97.
14. Dwar dan il-punt ara, J. Koenig, *Jews and Christians in Dialogu* Philadelphia 1979, 13-14. Ara wkoll M. C. Callaway, *A Hammer Tha Breaks Rock in Pieces: Prophetic Critique in the Hebrew Bible,* in *Anti Semitism and Early Christianity,* Minneapolis 1993, 21-38.
15. Ara, Brevard. S. Childs, *Biblical Theology of the Old and New Testaments, Theological Reflection on the Christian Bible,* Minneapoli 1992, speċjalment, 53-79.
16. Dwar dan, ara, J. D. G. Dunn, *Unity and Diversity in the New Testament* London 1977, 81f. Ara wkoll B. Lindars, "The Place of the Old Testamen in the Formation of New Testament Theology", in *New Testament Studie* 23 (1977) 59-75.
17. Għal definizzjoni ta' tipoloġija u l-użu tagħha fl-interpretazzjoni tal Iskrittura mill-Missirijiet tal-Knisja, ara, Francis Young, *Biblical Exegesi and the Formation of Christian Culture,* Cambridge 1997, 192-202.
18. Ara Melito of Sardis, *On Pascha and fragments,* in *Oxford Early Christian Texts,* edited by Stuart George Hall, Oxford 1979.
19. Għal aktar eżempji, ara Manlio Simonetti, *Biblical Interpretation in the Early Church, An Historical Introduction to Patristic Exegesis,* Edinburgh 1994.
20. Ara Cirillo di Alessandria, *Commento al Vangelo di Giovanni/* (= *Collana di testi Patristici* 113), Roma 1994, 48. It-test bit-taljan hawn juża l-kliem: "vana e inutile." Ara wkoll, Robert L. Wilken, *Judaism and*

*the Early Christian Mind: A Study of Cyril of Alexandria's Exegesis and Theology,* London 1971, 149.

31 *Catena Aurea: A Commentary on the Four Gospels Collected out of the Works of the Fathers by St. Thomas Aquinas,* vol. 4, edited by John Henry Newman, Southampton 1997, 315. Ara wkoll Martin Micallef, *L-Interpretazzjoni Biblika ta' Santu Wistin: Kontribut għall-anti-semitiżmu?* fi *Knisja 2000* (April-Ġunju 2005) 21-35.

32 Għal diskussjoni tajba fuq dan il-punt, ara, Lee Martin McDonald, *Anti-Judaism in the Early Church Fathers,* in *Anti-Semitism and Early Christianity, Issues of Polemic and Faith,* edited by Craig A. Evans – Donald A. Hagner, Minneapolis 1993, 215-252.

33 Fuq dan il-punt ara, J. T. Sanders, *The Jews in Luke-Acts,* London 1987.

34 Ara Norman Beck, *Mature Christianity, The Recognition and Repudiation of the Anti-Jewish Polemic of the New Testament,* London 1985, 270.

35 Din hija wkoll il-pożizzjoni tad-Dokument maħruġ mill-Kummissjoni Pontifiċja Biblika. Ara, The Pontifical Biblical Commission, *The Jewish People and their Sacred Scripture in the Christian Bible,* Vatican 2002, 163-165.

36 Ara, M. Weinfeld, "The Charge of Hypocrisy in Matthew 23 and in Jewish Sources", in *Immanuel* 24/5 (1990) 52-58.

37 Fuq dan il-punt, ara, J. Nolland, *The Gospel of Matthew and Anti-Semitism,* in *Built Upon the Rock. Studies in the Gospel of Mattew,* edited by D. M. Gurtner – J. Nolland, Grand Rapids/MI 2008, 154-169.

38 Għal studju tajjeb fuq 'il-Lhud' fl-Evanġelju skont San Ġwann, ara, *Anti-Judaism and the Fourth Gospel,* edited by R. Bieringer – D.Pollefeyt – F.V-Vanneuville, Louisville 2001. Ara wkoll J. Beutler, *Judaism and the Jews in the Gospel of John* (= Subsidia Biblica 30), Rome 2006.

39 Fuq dan l-argument ara, J. L. Martyn, *History and Theology in the Fourth Gospel,* New York 21979. Ara wkoll R. E. Brown, *The Community of the Beloved Disciple: The Life, Loves, and Hates of an Individual Church in New Testament Times,* New York – London 1979.

40 Ara l-istudju ta' C. G. Lingad, *The Problems of Jewish Christians in the Johannine Community* (= Tesi Gregoriana Serie Teologia 73), Rome 2001.

41 Fuq l-interpretazzjoni ta' dan it-test, ara, P. Borgen, *Polemic in the Book of Revelation,* in *Anti-Semitism and Early Christiantiy. Issues of Polemic and Faith,* edited by C. A. Evans – D. A. Hagner, Minneapolis 1993, 199-214.

32. Dwar din il-konklużjoni ara pereżempju, S. Sandmel, *Anti-Semitism in the New Testament?* Philadelphia 1978, 144.
33. R. R. Reuther, *The Faith and Fratricide Discussion: Old Problems and New Dimensions*, in *Antisemitism and the Foundations of Christianity*, edited by A. T. Davies, New York 1979, 246.
34. Dan il-punt jinħass l-aktar fl-Evanġelju skont San Mattew. Ara l-istudju tajjeb ta' G. N. Stanton, *A Gospel for a New People: Studies in Matthew*, Edinburgh 1992.